FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1777/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Alfred Bugeja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-24 t'Ottubru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija tmienja u disghin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm198.64c), rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u airtime ghall-istess uzuz ghall-perjodu mis-16 ta' Frar, 1998 sa l-1 ta' Jannar, 2000.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Anthony Vella ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont intier mitlub fl-avviz ghadu dovut.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta sodisfacentament pruvata, u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995 it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija tmienja u disghin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm198.64c), bl-imghax legali mill-24 t'Ottubru, 2000.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**